# QORTI TAL-MAGISTRATI MALTA

**MAGISTRAT**

**DR MICHAEL MALLIA LL.D.**

**Seduta ta' nhar it-Tnejn 16 ta' Lulju 2001**

**Numru 8**

**Avviz. numru 32/01mm**

**Simonds Farsons Cisk plc**

**vs**

**Gregory Mercieca, Emanuel Mercieca u Karen Mangion**

**Il-Qorti,**

Rat l-avviz ippresentat mis-socjeta' attrici fis-16 ta' Jannar 2001 fejn talbet lil din il-Qorti li tikkundanna lill-konvenuti jhallsu n solidum is-somma ta' disa mija u tlieta u tmenin liri maltin u disa u tletin centezmu (Lm983.39c) rappresentanti l-bilanc fuq bejgh lilhom ta' minerali u prodotti ohra tad-ditta attrici ghall-uzu minnhom fil-Club tal-Partit Laburista tal-Qrendi.

Bl-ispejjez, inkluzi dawk tal-ittra ufficjali tal-4 ta' Dicembru,2000, u bl-imghaxijiet legali mid-data tal-istess ittra ufficjali kontra l-konvenuti li gew ingunti ghas-subizzjoni.

Rat in-nota ta' l-eccezzjonijiet tal-konvenut Gregory Mercieca fejn eccepixxa:

1. Illi t-talbiet attrici fil-konfront tieghu ghandhom jigu michuda bl-ispejjez stante illi l-merkanzija ghal liema qed jintalab il-hlas kienet giet mibjugha u kkonsenjata lill-konvenuti l-ohra, u mhux lilu.

2. Illi fil-fatt kienu l-konvenuti l-ohra li kienu jiggestixxu n-negozju fil-Club tal-Partit Laburista tal-Qrendi.

3. Salvi eccezzjonijiet ulterjuri.

Rat in-nota ta' l-eccezzjonijiet ta' Emanuel Mercieca u Karen Mangion fejn eccepew illi:-

1. Preliminarjament, in-nullita tal-avviz odjern stante illi ma tezisti l-ebda sojceta' kummercjali bl-isem ta' Simonds Farsons Cisk plc.

2. Sekondarjament u minghajr pregudizzju ghas-suespost, Karen Mangion ghandha tigi liberata mill-osservanza tal-gudizzju stante illi hija ma kellha l-ebda konnessjoni mal-Club tal-Partit Laburista tal-Qrendi u jekk hija kienet fil-lokal f'xi hin waqt li saret xi konsenja, dina kienet mera ko incidenza.

3. Fit-tielet lok, l-esponenti Emanuel Mangion ghandu jigi liberat mill-osservanza tal-gudizzju stante illi l-ordni li ghaliha qieghdha ssir it-talba odjerna saret fuq ordnijiet biss ta' Gregory Mercieca u dan kif jigi pruvat waqt it-trattazzjoni tal-kawza u ghaldaqstant huwa l-istess Gregory Mercieca li ghandu jwiegeb ghall-istess.

Salv eccezzjonijiet ohra.

Rat il-verbal tas-seduta tal-21 ta' Gunju 2001 fejn il-konvenuti Mercieca u Mangion irtiraw l-ewwel eccezzjoni taghhom.

Semghet ix-xhieda bil-gurament.

Rat l-atti u d-dokumenti kollha tal-kawza.

Ikkunsidrat:

Illi b'nota ppresentata fil-21 ta' Gunju 2001 (fol 24) is-socjeta' attrici kkoregiet zball illi hadet fil-kawzali ta' l-avviz peress illi l-ammont illi kellu jigi reklamat ma kienx ta' disa mija u tlieta u tmenin liri maltin u disa u tletin centezmu (Lm983.39c) izda ta' tminn mija u tlieta u disghin lira u seba u tletin centezmu (Lm893.37c), ghalhekk il-Qorti ser tiehu din l-ahhar figura fil-konsiderazzjonijiet taghha dwar il-meritu.

Irrizulta mill-provi illi fis-26 ta' Gunju 2000 il-konvenut Gregory Mercieca mar personalment fl-istabbiliment ta' Farsons l-Imriehel sabiex jaghmel ordni ta' xorb ghall-MLP Club tal-Qrendi

minhabba l-festa ta' Lourdes li kienet gejja fil-vicin. Din l-ordni saret u giet konsenjata fl-imsemmi fond f'idejn certa E Mercieca bin-numru ta' ID 527980(M). Filwaqt illi t-tlett konvenuti qieghdin jammettu illi din il-merkanzija fil-fatt giet konsenjata, qieghdin jezimu responsabbilta' taghha peress illi wiehed iwahhal fl-iehor ghal dak li hija responsabbilta' u gestjoni tal-bar tal-club tal-Qrendi.

Ma hemmx dubbju, illi fi zmien illi saret din l-ordni Emanuel Mercieca kien ghamel ftehim mal-kumitat tal-Club illi jiggestixxi dan il-bar. Dan il-ftehim ma kienx wiehed bil-miktub izda biss wiehed verbali u jidher illi Emanuel Mercieca dam xi zmien jiggestixxi wahdu. Hemm kontroversja bejn il-konvenuti ghar-rwol li partikolarment ha huh Gregory Mercieca fil-gestjoni ta' dan il-bar. Filwaqt li Gregory Mercieca jghid li huwa kien qieghed hemmhekk biss biex ighin lil huh u minn hemm qatt ma ha xejn, minn nahha l-ohra Emanuel Mercieca, Karen Mangion kif ukoll missierha jghidu illi kien hemm ftehim verbali bejn l-ahwa Gregory u Emanuel illi jiggestixxu dan il-club flimkien. Hu interessanti illi meta saret din l-ordni fis-26 ta' Gunju 2000 kien Gregory Mercieca li ghamilha nonostante li skond hu ma kellu x'jaqsam xejn ma' dan il-club u jghid li ghamel hekk biss bi pjacir ghal huh.

Mill-provi li gew prodotti l-Qorti hija sodisfatta li filfatt kien hemm arrangament bejn Gregory Mercieca u huh Emanuel sabiex jiggestixxu dan in-negozju flimkien. L-ordni saret a beneficcju taghhom u giet ikkonsenjata fil-fond minnhom indikat u rcevuta mill-konvenuta Karen Mangion.

Il-Qorti hawnhekk ma tistax ma tikkummentax dwar l-irresponsabbilta' u agir xejn professjonali tas-salesman tas-socjeta' attrici li kien jimpurtah biss illi jkollu firma u numru ta' *identity card* u wisq ta kaz il-konsegwenzi ta' firem foloz u numri ma jikkorrispondux ma' tali firem ghall-azjenda attrici.

Irrizulta fil-fatt illi s-salesman insista ma' Karen Mangion illi hija taghmel isem ta' xi hadd u numru ta' ID. Kien ghalhekk li Karen Mangion minn nahha taghha, b'mod ukoll irresponsabbli nizlet l-isem ta' "E Mercieca" u ghamlet magemba n-numru ta' l-*identity card* taghha. Minkejja dan pero' l-Qorti hija sodisfatta li l-konvenuta Karen Mangion ma kellhiex x'taqsam mal-gestjoni ta' dan il-bar. Hija kienet hemm biss peress li hija l-*partner* ta' Emanuel Mercieca u allura tmur hemmhekk biex tghinu u taghmillu xi facendi. Minkejja illi kienet hi li materjalment irceviet din il-merkanzija, ma jfissirx illi b'daqshekk ghandha tigi akkolta bir-responsabbilta' taghha.

Fuq dan il-punt ghalhekk, il-Qorti taqta' u tiddeciedi illi tilqa' l-eccezzjoni ta' Karen Mangion li hija ma kellhiex x'taqsam ma' dan in-negozju u konsegwentement tilliberaha mill-osservanza tal-gudizzju.

Ma jistax jinghad l-istess pero' fil-konfront taz-zewg konvenuti l-ohra Gregory Mercieca u Emanuel Mercieca. Kif gia nghad, minkejja li kien Emanuel Mercieca biss illi ghamel in-negozjati mal-kumitat tal-Club biex imexxi l-bar, xi zmien qabel ma giet ordnata din il-merkanzija kien dahhal ukoll lil huh bhala shab u

dawna kienu jaqsmu bejniethom l-ispejjez u l-introjti li kien ikollhom minn dan in-negozju. Karen Mangion per ezempju kienet prezenti ghal aktar minn darba meta l-ahwa qasmu l-profitti li kien hemm minn dan il-hanut. Emanuel Mercieca ukoll ighid illi rcieva sehem ta' mija u hamsin lira (Lm150.00) mill-bejgh illi sar wara l-festa.

Il-Qorti ghalhekk hija sodisfatta illi kemm Gregory Mercieca kif ukoll Emanuel Mercieca ghandhom ikunu responsabbli ghall-ammonti reklamati f'dan l-avviz. Peress illi huma ma jistghux jaqblu bejniethom dwar il-porzjonijiet tar-responsabbilta' allura ghandha tigi milqugha t-talba attrici illi din ir-responsabbilta' ghandha tigi akkolta *in solidum.* Din il-Qorti ma tistax tippretendi illi l-azjenda attrici ghandha toqghod tidhol fil-kwistjonijiet interni bejn in-nies illi jkunu jiggestixxu hanut.

Bhal ma xehdet Rosanne Micallef l-ordni ghal club tal-Qrendi saret *in good faith.* Is-socjeta' attrici ttrattat mal-klijenti taghhom *in good faith* peress illi ma kellhomx storja ta' inkwiet bejniethom u ma kienx mistenni illi din l-azjenda toqghod tifli kull firma jew numru ta' *identity card* tan-nies li jigu sottomessa lilha. Naturalment minn nahha l-ohra, tippretendi certa responsabbilta' u serjeta' minn nahha tas-salesmen illi huma jagixxu minn nahha taghhom *in good faith* ukoll u ma jagixxux bil-mod rresponsabbli illi agixxa dan is-salesman f'dan il-kaz partikolari. Hi xinhi, il-Qorti hija sodisfatta illi din il-partita giet konsenjata lill-MPL Club tal-Qrendi ghall-beneficcju taz-zewg konvenuti Gregory u Emanuel ahwa Mercieca u huma ghalhekk

ghandhom ikunu responsabbli ta' din il-partita u jhallsu l-ammont illi hemm indikat fl-avviz kif korrett bin-nota msemmija.

Ghal dawn il-motivi,

Il-Qorti taqta' u tiddeciedi illi filwaqt illi tillibera lil Karen Mangion mill-osservanza tal-gudizzju. Tikkundanna lil Gregory Mercieca u Emanuel Mercieca li jhallsu "in solidum" is-somma ta' tminn mija u tlieta u disghin lira u sebgha u tletin centezmu (Lm893.37c) rappresentanti l-bilanc fuq bejh lilhom ta' minerali u prodotti ohra tad-ditta attrici ghall-uzu minnhom fil-Club tal-Partit Laburista tal-Qrendi.

Bl-ispejjez u interessi legali mid-data tan-notifika ta' dan l-avviz kontra z-zewg konvenuti Gregory Mercieca u Emanuel Mercieca "in solidum".

Anthony Zammit
Dep Reg